MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 173/2007

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Louis Lia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Louis Lia detentur ta’ karta ta’ l-identita’ 182470M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Gunju, 2007 u matul iz-zmien ta’ qabel cioe’ f’dawn l-ahhar tliet xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi azzjonijiet maghmulha minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda kkoltiva l-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(c) tal-Kap. 101 Ordinanza dwar il-Kontroll ta’ Medicini Perikoluzi tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess data hin zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikli 8(d) tal-Kap 101 Ordinanza dwar il-Kontroll ta’ Medicini Perikoluzi tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f’post, fi jew gewwa centru u jew f’distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghhom.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li ma humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat u sabu tminn pjanti tal-pjanta cannabis fil-bitha tieghu.
2. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li l-pjanti kienu tieghu u li kien zeraghhom hu xi tlett (3) xhur qabel.
3. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta wkoll li hu jabbuza mill-haxixa tal-cannabis u li kien jikkonsma seba’ (7) sigaretti tal-haxixa kuljum. Huwa qal li l-pjanti kien se juzahom ghall-konsum personali tieghu.
4. Mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina jirrizulta li l-qsari kienu tas-segwenti qisien:[1]

(i) qasrija ta’ 30cm dijametru b’xitla ta’ 570mm;
(ii) qasrija ta’ 14cm dijamentru b’xitla ta’ 240mm;
(iii) qasrija ta’ 14cm dijametru b’xitla ta’ 270mm;
(iv) qasrija ta’ 14cm dijamentru b’xitla ta’ 340mm;
(v) qasrija ta’ 40cm dijametru b’xitla ta’ 840mm;
(vi) qasrija ta’ 40cm dijametru b’xitla ta’ 690mm;
(vii) qasrija ta’ 30cm dijametru b’xitla ta’ 600mm;
(viii) qasrija ta’ 30cm dijametru b’xitla ta’ 500mm.

5. Fl-ewwel rapport tieghu, ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda hekk:[2]

*“(a) Illi l-pjanti kienu it-tip ta’ Cannabis sativa (ara appendici I).*

*(b) Li fuq il-weraq tal-pjanti 418-07-01 sa 418-07-08 instabu trichomes, fattizi tal-weraq tal-Kannabis (ara appendici I)*

[1] Ara rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol. 30 tal-process.
[2] Ara r-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut ezebita bhala Dok GS1 a fol. 35 tal-process.

*(c) Li l-pjanti li kien hemm fil-fond hawn fuq imsemmi u li hemm fid-dokumenti 418-07-01 sa 418-07-08 f'ammont nett totali ta' 28.63 grammi minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-Kannabis. Il-pjanta kannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pjanta tal-kannabis ikun fiha s-sustanza Tetrahydrocannabinol, kif instab fid-dokumenti li gew analizzati jigifieri 418-07-01 sa 418-07-08. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*

6. Fir-rapport tieghu, il-Perit Mario Cassar ikkonkluda hekk:[3] *"L-esponenti ikkonstata illi d-distanza mill-bieb tar-residenza tal-imputat ghal bieb tas-*St. Thomas Football Club *hija ta' cirka 25 metru."*

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar Htija**

*L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013 dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdet fl-2007, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata.[4]

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss*

[3] Ara r-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar ezebita bhala Dok MC1 a fol. 67 tal-process.
[4] Ara trattazzjoni tad-difiza a fol. 93 *et seq.* tal-process.

*jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara l-kaz ta' **Salduz**[5]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[6]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[7]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija*

[5] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[6] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[7] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

*tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[8], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[9], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[10] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[11]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Rodney Casha kellu 37 sena. Ghalkemm l-imputat ma kellux fedina penali allarmanti, mill-fedina penali jirrizulta li huwa kellu ghall-inqas esperjenza wahda qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, ghax *inter alia* kellu kundanna precedenti ta' pussess semplici tar-raza tal-pjanta tal-cannabis. L-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ttiehdu f'Gunju 2007, kien biss fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, li waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tal-imputat ttiehdet minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn il-hames snin u nofs, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

8 *Per* Imhallef David Scicluna.
9 *Per* Imhallef David Scicluna.
10 *Per* Imhallef Michael Mallia.
11 *Per* Imhallef Michael Mallia.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

*Il-Meritu*

Rigward l-ewwel imputazzjoni, u cioe dik ta' kultivar tal-pjanta cannabis, din tirrizulta kemm mill-istqarrija tal-imputat li ammetta li kien hu li zera' l-pjanti u kkultivahom, kif ukoll mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni li dawn il-pjanti kienu fil-bitha tar-residenza tal-imputat, u l-imputat biss kellu access ghal dan il-post. Fil-fatt mix-xhieda ta' PS76 Carmel Cassar jirrizulta li meta l-pulizija marru biex jidhlu fil-fond, l-imputat ma kienx hemm, u qaghdu jistennew sakemm l-imputat gie u fethilhom.[12] Mir-ritratti ezebiti jirrizulta li l-pjanti kienu mizmuma f'kundizzjoni tajba.[13]

Ghalhekk, l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

It-tieni imputazzjoni hi li l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-haxixa tal-Cannabis mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li hu kien juza l-haxixa minn dawn il-pjanti ghall-uzu personali tieghu, peress li kien ipejjep madwar seba' (7) sigaretti tal-haxixa kuljum.

Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat kellu fil-pussess tieghu tminn (8) pjanti tal-kannabis, ta' qisien differenti, kif deskritti mill-espert Perit Richard Aquilina aktar il'fuq f'din is-sentenza. Persentagg tajjeb ta' dawn il-qsari kienu ta' daqs konsiderevoli, fil-fatt tlieta minnhom kienu ta' dijametru ta' 30cm, u tnejn minnhom ta' dijametru ta' 40cm. Dan juri li l-imputat kien intenzjonat li jhalli l-pjanti jikbru hafna.

---

[12] Ara xhieda ta' PS76 Carmel Cassar a fol. 40 tal-process.
[13] Ara relazzjoni ta' PS 36 Sergio Azzopardi ezebita bhala Dok SA a fol. 53 *et seq.* tal-process.

Mill-ewwel rapport tal-espert xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li l-piz tal-weraq tal-cannabis li nstab fil-pussess tal-imputat kien ta' 28.63 grammi, minghajr gheruq u zkuk. Fit-tieni relazzjoni tieghu, l-espert xjenzat Godwin Sammut qal hekk *"Skond l-EMCDDA (European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction Addiction) reefer sigarett (wiehed) ikollu medja ta' 200mg (0.2g) herbal cannabis jew resin. Fil-kaz tal-Pulizija kontra Louis Lia kien hemm 28.63 grammi herbal cannabis u allura dan jaghti total ta'* ***143*** *reefers."* (enfasi tal-espert).[14]

Fix-xhieda tieghu l-espert xjenzat Godwin Sammut qal hekk: *"Fuq ricerka li saret kemm fuq annimali u kemm fuq bnedmin, in-nikotina plus cannabis it enhances the effect tal-high cannabis."*[15] Meta in kontro-ezami gie mistoqsi mill-avukat difensur tal-imputat persuna li hi *heavy user*, kemm tuza reefers, l-Espert wiegeb hekk: *"L-ewwel nett dejjem jiddependi fuq id-doza u fuq it-tolleranza tal-persuna, imma fuq studju li saru juru li bejn 3 sa 4 kuljum."*

Issa fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li hu kien jikkonsma madwar seba' (7) sigaretti tal-haxixa kuljum – kwazi d-doppju tal-ammont li skond ix-xhieda tal-Espert juza *heavy user.* Pero in vista tal-fatt li l-konsum jiddependi fuq id-doza u it-tolleranza tal-persuna, il-Qorti se tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat u tikkonsidra li hu kien ipejjep medja ta' seba' (7) sigaretti kuljum.

Skond ix-xhieda tal-espert Xjenzat, mill-ammont ta' haxixa li nstabet fil-pussess tal-imputat kienu johorgu 143 sigaretti. Ghalhekk l-imputat kellu fil-pussess tieghu haxixa bizzejjed sabiex iservieh ghal tal-inqas ghoxrin (20) gurnata (143 sigaretti divizi b'7). Dan certament huwa ammont konsiderovoli, specjalment meta wiehed jikkunsidra li fil-kaz odjern ma nstabux weraq tal-haxixa, imma pjanti shah hajjin, u mhux verosimili li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkonsma l-weraq tal-pjanti kollha li kellu f'20 gurnata, u joqtol il-pjanti. Huwa iktar verosimili li l-imputat kien jiehu l-weraq ftit ftit, halli l-pjanti jkomplu jikbru. Dan huwa indikat ukoll mid-daqs pjuttost kbir tal-qsari li nstabu.

Fic-cirkostanzi kollha, il-Qorti hija tal-opinjoni li persuna wahda, anke jekk *heavy user* certament ma kellhiex bzonn tkabbar tminn (8) pjanti tal-cannabis f'qsari pjuttost kbar, sabiex tuza l-weraq taghha ghal konsum taghha personali. Fic-cirkostanzi kollha, il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-imputat ma kienx

---

[14] Ara relazzjoni tal-Espert Xjenzat Godwin Sammut ezebita bhala Dok GS 2 a fol. 83 tal-process.
[15] Ara xhieda tal-Espert Xjenzat Godwin Sammut a fol. 88 tal-process.

qed ikabbar dawn it-tminn (8) pjanti tal-cannabis, sabiex juza l-weraq taghhom ghall-uzu personali tieghu biss.

Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll it-tieni imputazzjoni.

Rigward it-tielet imputazzjoni u cioe l-aggravanti tad-distanza, fir-rapport tieghu, il-Perit Mario Cassar ikkonkluda hekk:[16] *"L-esponenti ikkonstata illi d-distanza mill-bieb tar-residenza tal-imputat ghal bieb tas-St. Thomas Football Club hija ta' cirka 25 metru."* Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni, u cioe li l-imputat ikkommetta l-ewwel zewg reati f'distanza ta' mitt metru mill-paramentru ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh.

**Kunsiderazzonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputat mhix wahda allarmanti. Huwa ghandu hames (5) kundanni, li minnhom wahda hija ta' pussess semplici tar-resina mill-pjanta cannabis u tlett kundanni ghal ksur tal-ligijiet dwar il-kacca.

Pero, l-ammont ta' pjanti tal-cannabis li nstabu fil-pussess tal-imputat mhux wiehed zghir, u fil-fatt il-weraq taghhom kellhom piz ta' 28.63 grammi, li skond ix-xhieda tal-espert xjenzat Godwin Sammut minnhom johorgu 143 sigarett.

In oltre l-piena trid tizdied bi grad, stante li l-imputat instab hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kkommetta l-ewwel zewg reati f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh, ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

[16] Ara r-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar ezebita bhala Dok MC1 a fol. 67 tal-process.

Pero, fic-cirkostanzi kollha, il-Qorti mhix ta' l-opinjoni li ghandha zzid il-piena bi grad jew tnejn peress li l-ewwel imputazzjoni tikkostitwixxi reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(c) u 8 (d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' tlett snin

prigunerija effettivi u multa ta’ tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ tminn mija u wiehed u sebghin Euro (€871.00), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------